

# IL-Festa ta' Sant'Elena

## Anniversarju (1763-1931)

Minn Winston L Zammit, BA Hons, PGCE, MA



**1763** Mitejn u ħamsin sena ilu, il-Prepostu Arċipriet kien il-Kanonku Dun Ġużepp Vassallo. Djarju ta' dik is-sena jagħtina dan it-tagħrif dwar il-festi. 18 ta' Awwissu, jum Sant'Elena, titular tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, fejn hemm il-festa bil-mużika u purċissjoni, u Pontifikal mill-Prepostu (Dun ġużepp Vassallo) bil-Presbyter Assistens bil-kappa manja xolta. Il-paniġierku sar minn Patri Kapuċċin. Tqiegħed f'postu l-kwadru l-ġdid ta' Sant'Elena, fil-mument li sabet is-salib imqaddes, xogħol tal-Malti Francesco Zahra (I)

ta' sant'Elena f'din is-sena ġiet iċċelebrata b'pompa aktar mis-soltu. It-tiżjin tat-Tempju Elenjan u l-gandlieri l-ġodda li deheru fuq l-altari f'dak il-jum ġibdu l-ammirazzjoni ta' bosta. Il- mużika tas-Surmast Bugeja ferrħet il-qlub bil-melodiji tagħha. Il-paniġierku sar minn Dun Ġużepp Scerri, Viċi-Parroku f'San ġiljan. Il-faċċata tal-Knisja, il-logħob tan-nar u l-baned mużikali ġibdu poplu numeruż li ġie minn diversi bnadi tal-gżira. Il-Prepostu Arċipriet kien il-Kanonku Dun Salvin Spiteri (1866-1877), filwaqt li l-Prokuratur kien il-Kanonku Kantur Dun Ġużepp Charbon (II)

**1883** Mija w tletin sena ilu il-Prepostu-Arċipriet kien il-Kan Dun Kruċifiss Pisani Borg, SThD (1877-1888) filwaqt li l-Pokuratur kien il-Kan Dun Naz Micallef. Minkejja l-preparazzjonijiet kbar li saru il-festa ta' barra ma kienitx irnexxiet minħabba r-riħ. Il-paniġierku sar mill-Papas Schiro. Fil-knisja iżżanżnet l-abside tal-kor, xogħol ëa fresco' tal-pittur Malti ġużeppe Cal u inħadmet fi tmintax il-ġurnata. (III)



**1913** Mitt sena ilu, il-Prepostu-Arċipriet kien Dun Alfons Borg, SThD (1897-1917) u l-prokuratur kien il-Kanonku Dun Naz Gatt. Iċ-ċerimonji reliġjużi tmexxew mill-imsemmi Prepostu Borg u l-paniġierku sar minn Patri Eugenio OCD. Il-festi kienu suċċess grazzi għall-impenn tal-Prokuratur Kan Gatt, li kien responsabbli għall-amministrazzjoni tagħha. (IV)

**1933** Tmenin sena ilu, il-Prepostu-Arċipriet kien Dun Karm Bonnici (1924-1934) u l-Prokuratur kien il-Kan Dun Karm Bezzina. Biex jinġabru l-flus għall-festa, insibu li din is-sena kien hemm skema ta' għotja ta' sold fil-ġimgħa, u bħala premju kien hemm erba' rigali. In-numri rebbieħa ittellgħu lejliet il-festau r-rigali kellhom jinġabru mingħand il-Prokuratur. (V)

Il-funzjonijiet prinċipali tal-festa tmexxew mill-Prepostu Dun Karm Bonnici u l-paniġierku bit-taljan sar mill-Kanonku Penitenzier Dun Ġużepp Aquilina. Il-mużika skont il-'Motu Proprju' tmexxiet mis-Surmast Ferdinand Camilleri (VI).

O Marija
Faraġ ħelu tal-insara
F'dan l-isbaħ jum ta' ħajti
Inti u tiela' lejn s-sema
Wassal din l-ewwel quddiesa tiegħi
Quddiem Alla
Biex tkun għajn ta'ġid għal ruħi
Biex inqaddes lil ħaddieħor
U hekk meħlusa
Minn kull rabta tad-dinja
Nittajru miegħek ilkoll lejn is-sema
Rebbiħin infaħħru' l-Alla.

**Dun Vinċenz Buhagiar**

15 - 8 - 43

Kolleġjata ta' B'Kara.

**1943** Sebgħin sena ilu, fi żmien il-gwerra, il-Prepostu kien il-Kan Emm Vella, DD, Bl Can. Nhar Santa Marija (15 ta' Awwissu), it-tieni jum tat-tridu, iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu is-Saċerdot Novell Dun Vinċenz Buhagiar. (VII)

**1953** Sittin sena ilu, il-festi saru b'solennit· akbar, billi ħabat l-1625 anniversarju tal-mewt ta' Sant'Elena (328-1953). Il-Prepostu-Arċipriet kien il-Kan Emm Vella, DD, Bl Com. Il-Prokuratur kien il-Kanonku Dun Vinċenz Saliba.

B'tifkira ta' dan l-anniversarju iżżanżnu dawn l-opri ġodda: zuntier ġdid quddiem il-Bażilika li inħadem minn xi erba' dilettanti taħt id-direzzjoni tal-Prokuratur il-Kanonku Dun Vinċenz Saliba. Iz-zuntier ġie mżejjen ukoll b'żewġ pilastri ġodda tad-dawl li għandhom il-pedestalli magħmul mill-istess materjal taz-zuntier. Dawn ġew maħduma minn D Camilleri fuq disinn tal-Kanonku Vinċenz Saliba.

Fil-Bażilka iżżanzan ukoll numru ta' opri ġodda. Dawn kienu il-bankun tal-vara titulari, bil-vażuni tal-fidda u fjuretti ġodda. Il-bankun kien opra tal-Karkariżi. ċensu Sammut ħadem il-bronz u Pietru Pawlu Muscat ħadem l-injam. Il-vażuni tal-fidda kienu xogħol ta' ċensu Sammut u l-fjuri tal-ganutell, xogħol ta' Manwel tal-Qrendi. Dawn iż-żewġ opri ġabar għalihom Paul Pace u tlestew xi ftit xhur qabel mewtu. Fil-kappella tas-Sagrament saru żewġ anġli kbar tal-irħam abjad li ġew maħduma ġewwa Milan u irregalati minn Klement Gauci. Fil-kappella tad-Duluri iżżanżnu sett ġdid tal-Via Matris li ġie maħduma Ruma (VIII).

Bi preparazzjoni għal dawn il-festi f'Mejju 1953, saret fiera kbira ġewwa l-Istazzjon tal-Ferrovija, li fiha ħadu sehem iż-żewġ baned lokali, Duke of Connaught u Sant'Elena (IX).

Lilek
O Ħaruf bla Tebgħa
imgħannaq mas-Salib
Tron Tiegħek
u glorja ta' Ommi Elena
noffri
dan l-Ewwel Sagrifiċċju tiegħi
biex taħt id-dell tiegħu
nitgħallem naqdi Lilek
u lil għajri.
**DUN PAWL GAUCI**
B'kara.

Nhar il-festa ta' San Ġwakkin
16 ta' Awissu 1953.

ST. HELEN PRESS. B'KARA

F'din is-sena 1953, Birkirkara kellha saċerdoti ġodda: Dun Vincent Debono SDB, Dun Pawl Gauci, u Dun Karm Calleja. It-tlieta li huma iċċelebraw l-Ewwel Quddiesa tagħhom fil-ġranet tal-festi.

Nhar Santa Marija, it-tieni jum tat-tridu, iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu Dun Vincent Debono, SDB, u l-priedka tal-quddiesa saret minn Dun Nazzarenu Camilleri, SDB.

L-għada, festa ta' San ġwakkin, l-aħħar jum tat-tridu, iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu Dun Pawl Gauci, u fil-quddiesa ippriedka l-Kanonku Kantur Dun Vincenz Ciappara, BD. F'din l-okkażjoni is-Surmast G Scerri tan-Naxxar, esegwixxa quddiesa sabiħa li kkompona huwa stess għal din l-okkażjoni.

Caritas Christi urget nos
S. Paulus

Dear God,
Be a token
of my gratitude:
Bless all those
who have helped me
to the altar,
and give them
special graces.

REV. CARMEL CALLEJA

St. Julian's 9-viii-53
B'cara 17-viii-53
St. John's 2-viii-53

Lejliet il-festa filgħodu, Dun Karm Calleja qaddes il-quddiesa solenni tat-Te Deum u ġiet esegwita quddiesa ta' Perosi mis-Surmast J Grima (X).



Billi l-Prepostu-Arċipriet, Kan Emm Vella nhar il-ħadd 12 ta' Lulju kien telaq mal-Arċisqof M Gonzi fuq żjara pastorali fl-Awstralja (XI), il-funzjonijiet prinċipali tal-festa f'din is-sena tmexxew mill-Vigarju ġenerali u Isqof Awżiljarju Mons Emm Galea (XII).

**1983** Tletin sena ilu, il-Prepostu kien Mons I Sciberras Psaila, JUD, u l-Arċipriet kien il-Kan Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, BA, Lic D. Il-Prokuratur kien il-Kanonku Dun Vincenz Saliba.

Il-festa ġiet iċċelebrata l-ħadd, 21 ta' Awwissu, u l-priedki tat-tridu saru minn Patri Klement Azzopardi, OCD. Lejliet il-festa filgħodu, il-Kan Teologu Dun Anton Mallia, Viċi-Parroku, ħa l-pussess ta' Kanonku Teżorier minn idejn il-Vigarju ġenerali Mons C Xuereb.

Il-funzjonijiet prinċipali tal-festa tmexxew mill-Prepostu Mons I Sciberras Psaila, JUD, Protonotarju Appostoliku, liebes il-mitra, filwaqt li l-paniġierku sar minn Dun M Ikiel Agius, Kappillan ta' ħal-Safi. Fil-purċissjoni ħadet sehem il-Banda Sant'Elena (XIII).

**1993** Għoxrin sena ilu, il-Prepostu kien Mons I Sciberras Psaila, JUD. L-Arċipriet kien il-Kan Dun Anton Vella, BA, Lic D, u l-Prokuratur tal-Festi kien il-Kanonku Dun Karm Busuttil.

Il-festa ġiet iċċelebrata l-ħadd, 23 ta' Awwissu. Il-prietki tat-tridu saru mill-Kanonku Kantur Dun ġwann Borg. It-transulazzjoni, Primi Vespri, purċissjoni u quddiesa solenni tmexxew mill-Kanonku Dun Anton Mallia Borg (billi l-Prepostu ma kienx jiflaħ) u l-paniġierku fil-quddiesa solenni sar minn Patri Philip Cutajar, OFM, Ministru Provinċjali. Fil-purċissjoni ħadet sehem il-Banda Sant'Elena. Filgħaxija l-Kanonku Teżorier Dun Anton Mallia mexxa s-Sekondi Vespri u wara l-Vigarju ġenerali, Mons A Depasquale, JCD, mexxa r-reposizzjoni (XIV).


I. L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) Nru 17, pp 162, 163.

II. L'ORDINE 21-VIII-1873.

III. IL PORTAFOGLIO MALTESE, 20-VIII-1883

IV. The Malta Herald, 23-VIII-1913

V. Leen is-Sewwa 26-VIII-1933, p 8

VI. MALTA, 21-VIII-1933

VII. Tagrif fil-pussess tal-awtur

VIII. Il-BERQA, 13-VIII-1953, p 3

IX. Ibid., 15-VI-1953, p 3

X. Leħen is-Sewwa, 2-IX-1953

XI. Ibid., 15-VI-1953, p 3

XII. Tagħrif fil-pussess tal-awtur

XIII. Ibid.

XIV. Ibid.